MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 43

L-Erbgħa, 31 ta' Awissu, 2022

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-09:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 43.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

43.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

43.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 43.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

43.2.1 Is-Sindku qal li l-avveniment ta' Pacem in Terris marret tajjeb ħafna.

43.2.2 Is-Sindku qal ukoll li fil-Festa mar kollox sew u kollox kien organizzat.

43.2.3 Is-Sindku ippropona li wasal iż-żmien li niffirmaw il-ftehim mal-Belt Vittoriosa ġewwa San Lawrenz u ser jagħmel kuntatt naslu sabiex nagħżlu data li preferibilment tkun meta jkollna xi attività oħra fir-raħal. Il-Kunsill qabel unanimament.

43.2.4 Is-Sindku qal li hemm partijiet minn triq ir-Rokon li għandhom bżonn manutenzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li inġibu stima jew naraw jekk il-ħaddiema tagħna jistgħux jagħmlu x-xogħol huma.

43.2.5 Is-Sindku qal li kien bagħat email lill-Pulizjia juri d-dispjaċir tiegħu fuq in-nuqqas ta' sigurta' ta sewqan zejjed kif ukoll dwar il-preżenza tal-pulizija tal-komunità fir-raħal, fl-email huwa saħaq li dan is-servizz kien wieħed li intlaqa' tajjeb u huwa għajb li issa dawn il-pulizija qed jiġu assenjati f'postijiet oħrajn u mhux fil-lokalitajiet kif suppost jagħmlu. Is-Sindku kompla jgħid li wara din l-email kellu talba biex issir laqgħa magħhom u u din kienet laqgħa pozittiva ħafna. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel unanimament sabiex jagħmel laqgħa ma TM, Pulizjia u LESA sabiex niddiskutu l-ispeeding u issues oħrajn fir-raħal.

43.2.6 Is-Sindku qal li l-laqgħa mal-Hon Civelli kienet pozittiva ħafna u jidher li qed issir kontinwazzjoni għal din il-laqgħa billi qed isiru applikazzjonijiet għall-proġetti li ħarġu mill-istess laqgħa. Is-Sindku ipprezenta l-viżjoni li ġiet diskussa waqt l-istess laqgħa mas-Segretarju Parlamentari sabiex jiġi anness ma dawn il-minuti. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa, l-Hon proponiet li bħala Kunsill napplikaw għall-skema li ser ikun qed joħroġ il-Gvern – 'Skema Għall-Kunsill Lokali Dwar Lokalitajiet Sostenibbli 2022'. Il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-open space tal-quddiem iċ-Ċentru Ċiviku.

43.2.7 Is-Sindku qal li għadu kemm ġie mħabbar li l-parroċċa ta' San Lawrenz se jkollha Kappillan ġdid – Dun Anthony Bajada li s'issa serva bħala Viċi. Huwa semma li hemm bħala tradizzjoni, il-Kunsill jagħti pittura lill-kull Kappillan li jilħaq. Il-Kunsill qabel unanimament li nimxu bl-istess prassi.

43.2.8 Is-Sindku qal li fi 9 ta' Settembru se jsir BBQ ta' Futboll, il-Kunsill qabel unanimament li nibbukjaw Folk band, sound u dawl, l-istess ser jiġri fit-23 ta' Settembru meta ser issir attività oħra fil-pjazza u dakinhar għandha tiġi mistiedna band bħala parti mill-attivitajiet tas-sajf li għamel il-kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

43.2.9 Is-SE qalet li l-Kunsill rebaħ fondi mill-iskema SPI 8/2021 li konna applikajna għaliha fejn se tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiza €85,000 u l-bqija jinħarġu mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku fakkar li b'dawn il-fondi se ssir app għall-fuq il-mobile u website kif ukoll bollards li jinqalgħu għall-għeluq tal-pjazza għal meta jkun hemm bzonn. Il-Kunsill qabel unanimament.

43.2.10 Is-SE qalet li ħarġet l-applikazzjoni għall-EMW 2022. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw.

43.2.11 Is-SE qalet li ħarġet applikazzjoni għall-EWWR 2022. Il-Kunsill qabel unanimament li ma napplikawx.

43.2.12 Is-SE qalet li ħarġet applikazzjoni SPI 9/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali. Il-Kunsill qabel unanimament li ma napplikawx.

43.2.13 Is-SE qalet irċivejna korrispondenza mingħand is-Segretarju tal-Klabb tal-Football ta' San Lawrenz fejn qed jerġgħu jitlobu l-għajnuna ta' għal kera tal-grawnd. Il-Kunsill qabel unanimament li bħal qabel jiffinanzja nofs l-ammont, li dan jammonta għall €750.00 għall-sena.

43.2.14 Is-SE qalet li peress li d-DLG talabha tgħaddi l-bilanċ tal-VL tagħha għas-sena 2023, hi qed tressaq l-ammont ta' 90 siegħa lill-Kunsill għall-approvazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

43.2.15 Is-SE qalet li l-Community Workers Scheme talbet l-appraisal tal-Kunsill fuq l-ħaddiema kollha taħt l-iskema minn Jannar sa Ġunju 2022. Il-Kunsill qabel unanimament li jagħti rapport pozittiv.

43.2.16 Is-SE qalet li irċivejna mill-uffiċċju tal-Kultura f'Għawdex fejn qed jipproponu li jtellgħu l-wirja minn 10 – 24 t'Ottubru. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir fejn l-parti magħluqa fil-pjazza.

43.2.17 Is-SE qalet li jridu jiġu iffurmati l-bord tat-tender tal-Perit kif ukoll tat-tender tad-Dwejra Assistant. Wara diskussjoni sar qbil unanimament u saru nomini għall-bord tat-tender: Ing Cauchi, Avukat Joshua Grech u Mario Azzopardi u għad-Dwejra Assistant: raprezzentant mill-ERA, Lucienne Haber u l-Profs Deidun.

## 43.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

43.3.1 Il-kunsillier Joseph Cauchi saqsa jekk nistgħux napplikaw sabiex il-parking wieħed li hemm quddiem id-dar tal-kappillan jiġi f'zewġ parking spaces sabiex ma jinħaliex parking. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitolbu repainting inkluz ta dik l-area proposta.

43.3.2 Il-kunsillier Carmela Grima qalet li semgħet xi ilmenti min-nies minħabba li minn Triq Wied il-Merill m'hemmx aċċess alternattiv. Is-Sindku qal li l-Kunsill ilu jipprova għall-diversi snin biex issir it-triq alternattiva li ilna nitolbu. Huwa semma li triq ġdida ma hijiex responsabilità tal-Kunsill Lokali għalhekk għall diversi snin ilna nitolbu lill-awtoritajiet konċernati.

## 43.4 MoU – Kunsill mal-ERA dwar id-Dwejra;

43.4.1 Is-Sindku qal li wara diversi laqgħat u proposti li bagħtna lill-ERA, issa intbagħt draft tal-MoU li jikludi fih sa massimu ta €30,000 (VAT inkluz) għas-sentejn li jmiss kif ukoll għajnuna f'proġetti li jistgħu isiru fiċ-Ċentru Interprettativ. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jiġi ffirmat dan l--MoU, u kien hemm kummenti pożittivi għax-xogħol li sar biex wasalna għal dan il-ftehim.

## 43.5 Management Letter 2021;

43.5.1 Is-SE ippreżentat l-ittra ta' direzzjoni (Management Letter) bil-kummenti tal-awdituri. Wara li s-SE spjegat l-lista tal-kummenti flimkien mar-risposti tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 43.6 Elgħuq tas-Summer Club;

42.6.1 Is-Sindku qal li illum l-aħħar ġurnata tal-klabb tas-sajf. Hu kompla jgħid li dan kien klabb li intlaqa tajjeb ħafna mit-tfal u mill-ġenituri. Hu kompla jgħid li se jibda jħejji sabiex jagħmel proposta għall-Klabb tax-Xitwa. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 43.7 Aġġornament tal-Proġetti;

43.7.1 Is-Sindku qal li l-proġett tal-rinovazzjoni tas-sala tal-paroċċa qed fil-fazi li nippreparaw li hemm bzonn sabiex jinħarġu t-tenders. Dan jinvolvi ħafna informazzjoni mingħand il-Perit, professjonisiti eċċ.

## 43.8 Mawra Colle Umberto;

43.8.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva li se jieħu fondi sabiex jitħejja l-proġett ta' Ġemellaġġ f'Colle Umberto. Is-Sindku kompla jgħid li qed jitkellem mal-organizzaturi f'Colle Umberto sabiex nifthemu fuq dati u li jkun hemm bzonn. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jsir dan il-proġett u li nistiednu lin-nies sabiex jieħdu sehem fih.

## 43.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

43.9.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

43.9.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 43.9.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

43.9.1 Il-laqgħa intemmet fl-10:30 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir nhar l-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022 fl-10:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv